**7 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Michael Mamo

*versus*

Philip Grima

**Spoll — Reintegrazzjoni — Manutenzjoni — Terminu — Azzjoni — Art. 572 tal-Kodiċi Ċivili.**

*In-natura tal-azzjoni għandha tiġi dedotta mit-termini li fiha tkun konċepita ċ-ċitazzjoni relattiva; u jekk minn dawn it-termini jkun jidher li l-azzjoni eżerċitata hija ta' spoll, għandha tiġi kunsidrata bħala tali, avvolja fiċ-ċitazzjoni ma jingħadx li l-konvenut ipproċeda bil-vjolenza jew bil-moħbi; għax dan ma kienx meħtieġ, billi dawn il-konċetti huma kompriżi fil-kelma "spoll".*

*Huwa veru li, skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, l-azzjoni ta' spoll u ta' manutenzjoni jistgħu jkunu eżerċitati kontemporanjament u fl-istess ċitazzjoni; però, dan l-eżerċizzju kumulattiv jeħtieġ li jirriżulta biċ-ċar mill-att taċ-ċitazzjoni; diversament, il-Qorti tista' tippronunzja fuq ħaġa li ma tkunx mitluba.*

*Darba jiġi stabbilit li l-azzjoni eżerċitata hija azzjoni ta' spoll, jeħtieġ issir l-indaġini jekk l-istess azzjoni tinsabx perenta, billi ma tkunx ġiet eżerċitata fi żmien xahrejn mill-kommissjoni tal-spoll. Iż-żmien tal-azzjoni jibda mill-ġurnata tal-ispoll, u mhux minn meta l-attur isir jaf bih; u kwindi l-azzjoni tkun perenta jekk tiġi eżerċitata wara xahrejn minn meta jkun sar l-ispoll, avvolja l-attur ma kienx jaf bl-ispoll fil-waqt; u lanqas jiswa li l-attur ikun ipprotesta ġudizzjarjament kontra l-ispoll, għaliex it-terminu ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza. u għalhekk, bħala regola, mhux suġġett għar-regoli tal-preskrizzjoni.*

*B'dan kollu, jekk l-azzjoni tkun perenta bħala waħda ta' spoll, tista' tiġi trieġi bħala azzjoni ta' manutenzjoni, jekk il-forma*

*taċ-ċitazzjoni hi tali li wieħed jista' jidħol fi kwistjonijiet mhux merament possessorji, b'mod li l-Qorti tkun tista' liberament tipproċedi fuq l-istess atti. B'ss, l-attur jitlef il-vantaġġi u l-privileġi li l-liġi tagħti lill-azzjoni ta' spoll privileġġjat, u l-konvenut kun jista', jekk irid, iqanqal kontra l-pretensjoni tal-attur kull xorta ta' eċċezzjonijiet, anki mhux dilatorji.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni u l-provvedimenti li trid il-liġi, peress li l-attur huwa proprjetarju ossija enfitewta tal-għalqa "tax-Xemxija" fil-kuntrada "tax-Xemxija", San Pawl il-Baħar; u peress li l-konvenut, li huwa proprjetarju tal-art li tmiss ma' dik tal-attur, waqqa' l-ħajt tal-konfini bejn iż-żewġ proprjetajiet u bnieh aktar il-ġewwa fl-għaqla, u b'hekk ivvjola l-pussess tiegħu u rrenda ruħu ħati ta' spoll lejh; talab li l-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jirripristinalu l-pussess u jirreintegra l-ispoll, billi jerġa jqiegħed kollox kif kien, fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din il-Qorti; u jekk jonqos, l-attur jiġi awtorizzat jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa taħt id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti. B'riżerva ta' kull dritt għad-danni u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest tal-25 ta' Settembru 1957, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi l-azzjoni odjerna tinsab perenta skond l-art. 572 (Kod. Civ.), peress li ġiet esperita tardivament, wara l-għeluq ta' xahrejn minn meta sar l-ispoll pretiż mill-attur;

Rat il-verbal tas-16 ta' Diċembru 1957 (fol. 8), fejn l-attur iddikjara illi l-kawża tikkomprendi tant l-azzjoni ta' spoll kemm dik ta' manutenzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat,fuq il-preġudizzjali opposta mill-konvenut;

Illi fl-att taċ-ċitazzjoni l-attur ippremetta illi l-konvenut, bl-egħmil tiegħu hemm speċifikat, "ivvijola l-pussess tiegħu u rrenda ruħu ħati ta' spoll", u mbgħad talab li l-

konvenut jiġi kundannat jirreintegra l-ispoll. Ta' min jinnota wkoll illi l-istess lokuzzjoni tirrikorri fil-protest tal-attur tal-25 ta' Settembru 1957, preżentat qabel ma saret iċ-ċitazzjoni. Issa, billi n-natura tal-azzjoni għandha tiġi prinċipalment deżunta mit-termini li fihom tkun konċepita ċ-ċitazzjoni relattiva, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ried u qiegħed jeżerċita azzjoni ta' spoll biss. Veru li fiċ-ċitazzjoni ma jissemmiex illi l-konvenut ipproċeda bil-vjolenza jew bil-moħbi; iżda dan ma kienx meħtieġ, billi dawn il-konċetti huma kompriżi fil-kelma "spoll". Veru wkoll illi, skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, l-azzjoni ta' spoll u ta' manutenzjoni jistgħu jkunu eżerċitati kontemporanjament u fl-istess kawża (v. Digesto Italiano, Reintegrazione (azione di), §90; Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 694, §§1299, 1300, 1302 u 1304; Kollez. Vol. XXIV-I-276); dan l-eżerċizzju kumulattiv, però, jeħtieġ li jirriżulta biċ-ċar mill-att taċ-ċitazzjoni, kif deher biċ-ċar fil-kawża "Galizia vs. Scicluna", deċiża minn din il-Qorti b'sentenza tal-4 ta' Novembru 1884, konfermata fuq dan il-pont fi-Appell fit-30 ta' April 1896 (Kollez. X, 607; XI, 86), billi fiċ-ċitazzjoni l-attur talab li jkun "mantenuto e reintegrato nel possesso"; diversament, il-Qorti tista' tiġi tippronunzja fuq ħaġa li ma tkunx mitluba (Kollez. XXIV-I-276);

Illi, stabbilit li l-azzjoni esperita mill-attur hija dik ta' spoll, jeħtieġ issir l-indaġini jekk tinsabx perenta skond ma jopponi l-konvenut;

Illi mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta li l-ħajt in kwistjoni nbeda f'Jannar 1957 u tlesta f'Ġunju, u żgur qabel ma spiċċa x-xahar ta' Lulju sussegwenti. Iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fit-13 ta' Novembru 1957, meta x-xahrejn preskritti mill-liġi kienu ġa għaddew. Ma jiswiex illi l-attur sar jaf bil-bini ta' dak il-ħajt fit-18 ta' Settembru 1957, għaliex iż-żmien tal-azzjoni jibda mill-ġurnata tal-ispoll (art. 572 Kod. Ċiv.), u mhux mindu l-attur ġie jaf bih. Lanqas jiswa l-protest minnu preżentat fil-25 ta' Settembru 1957, għaliex iż-żmien ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza (Kollez. XXIV-I-276); u għalhekk, bħala regola, mhux suġġett għar-regoli tal-preskrizzjoni;

Illi, b'dan kollu, ma jistgħax jingħad li l-azzjoni tal-

attur tinsab perenta; għaliex, kif irriteniet din il-Qorti, fuq l-iskorta ta' deċiżjonijiet oħra, "l-art. 230 Ord. VIII tal-*1868 (il-lum art. 572 tal-Kodiċi Ċivili) jagħmel riferenza* espressa għall-art. 801 tal-Liġijiet tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (il-lum art. 794 Kod. Proċ. Ċiv.), u meħudin flimkien dawk iż-żewġ taqsimiet tal-liġi jfissru li, meta l-azzjoni tinġieb fi żmien xahrejn, għandha tkun osservata l-proċedura speċjali stabbilita fl-art. 801 tal-Proċedura, li tagħti vantaġġi u privileġi speċjali lill-attur, fil-waqt li, meta l-azzjoni tkun inġiebet wara għeluq ix-xahrejn, dawk il-vantaġġi u privileġi jispiċċaw għall-attur, għax l-imħarrek jkun jista' jqajjem kull xorta ta' eċċezzjoni, anki dik tal-proprjetà; *u l-Qorti jkollha tidħol fil-meritu* ta' dawk l-eċċezzjonijiet ukoll; għax il-proċedura tal-art. 801 ma tkunx aktar applikabbli għall-każ" (P.A. 7 ta' April 1937, in re "Leonardo Sammut vs. Gio Maria Grech", b'riferenza għas-sentenzi riportati fil-Kollezzjoni Vol. V, 561; XXIX-I-753). Konsegwentement, l-azzjoni tal-attur, għalkemm mhix aktar ta' spoll privileġġjat, mhix legalment perenta, u l-konvenut jista', jekk irid, iqanqal kontra l-pretensjoni tal-attur kull xorta ta' eċċezzjonijiet, anki mhux dilatorji;

*Illi, del resto, il-forma taċ-ċitazzjoni mhix tali li ma* tippermettix li wieħed jidħol anki fi kwistjonijiet mhux merament possessorji; b'mod li l-Qorti tista' liberament tipproċedi fuq l-istess atti (Kollez. XXIX-I-753);

Għal dawn il-motivi, u fis-sens li ntqal fuq;

Tirrespinġi l-eċċepita perenzjoni tal-azzjoni; l-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-konvenut;

U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tal-14 ta' Marzu 1958, biex tkun trattata fil-meritu.